**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum 30 ta' Settembru, 2016**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Frank Sammut)**

**vs**

**Raphael Aquilina**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Raphael Aquilina detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 927651M akkuzat talli fil-31 ta' Marzu, 2013, ghall-habta tas-13:00hrs, ghall-habta tas-13:00hrs gewwa Triq Marina Kalkara:

(1) Saq vettura numru OOS 320 b' manjiera (a) traskurata, (b) perikoluza, (c) bla kont;

(2) U aktar meta b' nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b' nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b' nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku nvolontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Jesmond Fenech skond kif iccertifika Dr Gherubino MD Reg 3370 mill-MDH;

(3) Waqt li kien qed isuq l-imsemmija vettura qasam il-linja/i l-bajda/bojod kontinwi.

Il-Prosekuzzjoni talbet lil Qorti li l-imputat jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal perjodu ta' zmien li l-Qorti jidrilha xieraq.

Rat in-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tad-19 ta' Mejju, 2015 (inserita a fol. 129 tal-atti processwali) fejn l-Avukat Generali dehrlu li tista' tinstab htija jew htijiet fil-konfronti tal-imputat taht dak li hemm mahsub:

1. Fl-Artikoli 15(1)(a) u 15(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-Artikoli 225 u 226(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-Artikolu 55 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 2 ta' L.S.65.05 referibbli ghall-parti IVA(i) tal-iskeda mal-istess Regolament;
4. Fl-Artikoli 17, 31, 532A u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza tad-29 ta' Mejju, 2015 l-imputat wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghet it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

**I**lli l-fattispeci ta' dan il-kaz jirrigwardaw incident stradali li sehh fil-31 ta' Marzu 2013 ghall-habta ta' 13.00hrs fi Triq Marina, Kalkara bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni KBF 704 misjuqa minn Jesmond Fenech u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni OOS 320 misjuqa mill-imputat Raphael Aquilina. Bhala konsegwenza ta' dan l-incident il-parti civili Jesmond Fenech sofra griehi ta' natura gravi li hallew debilita' permanenti f' idu l-leminija liema griehi gew kawzati meta infaqghet il-hgiega tal-bieba tas-sewwieq bl-impatt, skond kif jirrizulta mir-rapport tal-espert kirurgu Ortopediku mqabbad mill-Qorti, Mr. Alec Sultana, (vide rapport nserit a fol. 16 et sequitur tal-atti processwali).

Illi l-parti civile Jesmond Fenech kemm a tempo vergine kif ukoll meta xehed quddiem din il-Qorti waqt l-udjenza tat-18 ta' Marzu 2015 sostna li huwa kien qed jipprocedi regolarment fi Triq Marina, il-Kalkara, niezel in-nizla meta ra l-vettura misjuqa minn Raphael Aquilina tiela' sparat mid-direzzjoni opposta u qed tinstaq fuq in-naha l-hazina tat-triq, u cioe' fuq il-karreggjata li kien qed jipprocedi fiha hu u nonostante li huwa gibed il-gewwa kemm jista' jkun u kwazi waqaf kompletament u teptep id-dawl u paqpaq il-horn sabiex jattira l-attenzjoni tas-sewwieq l-iehor, dan xorta baqa' diehel fuq il-bieba tan-naha tal-lemin ta' quddiem tal-vettura tieghu u kkawzalu hsara fil-bieba fejn il-hgiega nfaqghet f' bicciet zghar fil-mera

tal-istess naha, u mbaghad baqa' sejjer. Fenech spjega li huwa sofra griehi gravi f' idejh il-leminija u kellu anki jigi operat. Fenech spjega inoltre li huwa dar u segwa lill-imputat u sabu ftit distanza l-boghod double-parked quddiem ir-residenza tieghu u huwa nizel mill-vettura u qal lill-imputat li kien laqtu, staqsih ghalfejn baqa' sejjer u talbu jmur l-Ghassa. Fenech innega li huwa f' xi hin kien aggredixxa lill-imputat u spjega li meta mar l-Ghassa jaghmel ir-rapport is-Surgent gibidlu l-attenzjoni ghall-fatt li kellu d-demm f' idejh u baghtu l-policlinic fejn imbaghad baghtuh l-isptar. Il-verzjoni tal-fatti moghtija minn Jesmond Fenech giet pjenament korroborata minn martu Josette Fenech meta din xehdet f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-24 ta' April 2014.

Illi l-imputat Raphael Aquilina a tempo vergine ,skond ma jirrizulta mill-okkorrenza nserita a fol. 2 et seq. tal-atti processwali, sostna li fl-gurnata in dizamina huwa kien tiela' t-Telgha tal-Bighi u meta wasal quddiem Villa Portelli ra l-vettura ta' Fenech gejja mid-direzzjoni opposta u ghalkemm sema' hoss qawwi ma ndunax li kien habat u meta hares lura u ra li l-vettura l-ohra baqghet sejra huwa proceda sabiex imur id-dar tieghu u waqt li kien ghadu fil-vettura tieghu parkeggjata quddiem id-dar wasal is-sewwieq l-iehor li nizel mill-vettura u proceda sabiex jaghtih daqqa ta' ponn f' wiccu u kkagunalu griehi ta' natura hafifa u huwa kellu jmur il-policlinic sabiex jigi medikat u wara mar l-Ghassa jaghmel rapport.

Illi meta ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tad-29 ta' Mejju 2015 l-imputat sostna li waqt li kien tiela' bil-mod it-Telgha ta Bighi u wasal fil-kantuniera ra lil Fenech gej minn faccata u huwa gibed lejn il-lemin u baqa' tiela'. Wara ftit l-imputat ikkorega ruhu u qal li gibed lejn ix-

xellug u li z-zewg vetturi habtu mera ma' mera u Fenech baqa' sejjer u ghalhekk huwa wkoll baqa' sejjer. L-imputat sostna li huwa kien qed isuq bil-mod il-hin kollu filwaqt li s-sewwieq l-iehor kien qed isuq b' certu velocita' ghaliex dejjem hekk jarah jaghmel meta jghaddi minn quddiem id-dar tieghu. L-imputat sostna wkoll li malli wasal Fenech hdejh dan nizel mill-vettura u dahal nofsu fil-vettura tieghu mit-tieqa u tah xebgha bil-ponn u mbaghad telaq 'l hemm. L-imputat sostna li l-hsara fil-vettura tieghu kienet tikkonsisti fi brix fil-mera u l-hgiega tal-mera maqlugha.

Ikkunsidrat:

Illi fil-kaz odjern ma sarx skizz li jindika l-pozizzjoni tal-vetturi wara l-incident u dan ghaliex l-imputat ghazel li jitlaq minn fuq il-post u l-parti civili kellu jsegwih malajr sabiex igib id-dettalji tieghu u jkun jista' jaghmel rapport dwar il-habta. Din il-Qorti trid ghalhekk bilfors tistrieh fuq il-verzjonijiet li taw iz-zewg sewwieqa dwar id-dinamika tal-incident u tikkunsidra jekk il-hsarat fiz-zewg vetturi jirriflettux jew jikkorroborawx id-dinamika tal-incident kif rakkuntata miz-zewg sewwieqa. Kif jirrizulta mill-verzjonijiet tal-fatti moghtija miz-zewg sewwieqa hekk kif riportati fil-paragrafi precedenti din il-Qorti tinsab rinfaccjata b' zewg verzjonijiet tal-fatti pjuttost kunfliggenti dwar id-dinamika tal-incident u dwar dak li sehh immedjatament wara l-incident quddiem ir-residenza tal-imputat. Filwaqt li l-parti civili Jesmond Fenech jghid li l-incident sehh ghaliex l-imputat invada l-karreggjata li kien qed jipprocedi fiha hu u ghalkemm huwa prova jevitah spicca sabiex intlaqat fil-bieba tad-driver u fil-mera fejn infaqghet il-hgiega tal-istess bieba u huwa wegga' bil-hgieg li tar meta infaqghet il-hgiega jew bil-hgieg tal-mera, l-imputat jghid li l-incident sehh

ghaliex Fenech kien qed isuq b' certu velocita' u li l-impatt kien biss bejn iz-zewg mirja u li l-istess Fenech wegga idejh meta beda' jaghtih id-daqqiet tal-ponn u mhux bhala konsegwenza tal-incident.

Illi ghalkemm din il-Qorti tinsab rinfaccjata b' dawn iz-zewg verzjonijiet tal-fatti daqshekk kunfliggenti jidrilha li ghandha temmen il-verzjoni tal-fatti moghtija mill-parti civili u dan mhux biss ghaliex din il-verzjoni hija ferm aktar verosimili u ghaliex hija pjenament korroborata mix-xhieda ta' mart il-parti civili, Josette Fenech izda anki ghaliex il-hsarat fil-vettura tieghu huma kompatibbli mad-dinamika tal-incident kif minnu rakkuntata u idem il-griehi minnu sofferti. Meta din il-Qorti semghat lil Jesmond Fenech jixhed viva voce quddiemha ma kien hemm xejn fil-komportament tieghu fuq il-pedana tax-xhieda  jew fil-mod kif huwa rrakkonta l-fatti li halla xi dubju dwar il-kredibilita' tieghu u dwar il-vero somiljanza ta' dak li kien qed jghid. Il-Qorti setghat inoltre tinnota li l-verzjoni tieghu baqghet konsistenti u cioe' huwa rrakkonta l-istess verzjoni dwar id-dinamika tal-incident. L-istess haga ma tistax tinghad dwar l-imputat ghaliex mhux biss il-komportament tieghu fuq il-pedana tax-xhieda halla dubji serji dwar il-kredibilita'' tieghu f' mohh il-gudikant izda inoltre l-Qorti setghat tinnota nkosistenzi ta' certu portata bejn dak li rrakkonta a tempo vergine u dak li qal meta xehed viva voce quddiemha. A tempo vergine per ezempju l-imputat qal li huwa ghalkemm sema' hoss ma ndunax li kien habat mal-vettura l-ohra u li meta ra lis-sewwieq tal-vettura li kienet gejja mid-direzzjoni opposta jibqa' ghaddej huwa kompla fi triqtu. Meta xehed quddiem din il-Qorti l-imputat min-naha l-ohra qal li kien induna li   habtu mera ma mera izda baqa' sejjer ghaliex ra li s–sewwieq l-iehor hekk ghamel. Il-Qorti setghat tinnota li waqt li kien qed jixhed quddiemha l-imputat l-ewwel qal li gibed lejn il-lemin meta ra l-

vettura l-ohra gejja lejh izda mbaghad wara certu nsistenza mill-avukat difensur tieghu ikkorega ruhu u qal li kien gibed lejn ix-xellug. Il-Qorti nnutat ulterjorment li l-imputat fl-ebda hin ma ta spjegazzjoni il-ghala huwa kellu jigbed lejn il-lemin jew lejn ix-xellug u fl-ebda hin ma indika li s-s-sewwieq l-iehor kien invadielu l-karreggjata. Fil-fehma tal-Qorti l-kawza prossima tal-incident awtomobilistiku de quo kien il-fatt li l-imputat qabez il-linja bajda kontinwa u nvada l-karreggjata li kien qed jipprocedi fiha l-parti civile sabiex b' hekk sehh l-impatt bejn iz-zewg vetturi. Il-Qorti temmen ukoll li l-griehi f' id il-leminija ta' Fenech sehhew bhala konsegwenza tat-tifrik tal-hgieg li kien hemm fil-hgiega tal-bieba u tal-mera u mhux ghaliex Fenech seta' sussegwentement ta' daqqiet ta' ponn lill-imputat. Il-Qorti mhux ser tidhol fil-mertu dwar dak li seta' gara quddiem ir-residenza tal-imputat stante li dan kien jifforma l-mertu ta' proceduri ohra li gew mehuda fil-konfronti tal-parti civile u ta' martu li ghaddew in gudikat. Din il-Qorti izda tirrileva biss li a tempo vergine l-imputat kien qal li l-parti civile tah daqqa ta' ponn wahda filwaqt li meta xehed quddiem din il-Qorti l-istess imputat qal li dan kien tah xebgha konsistenti f' diversi daqqiet ta' ponn. Mic-certifikat mediku esebit mill-istess imputat u mix-xhieda tat-tabib li rrilaxxja dan ic-certifikat jirrizulta li l-griehi li kellu l-imputat kienu fil-halq u mhux esterni u ghalhekk huwa inverosimili li huwa seta' kellu biss griehi ta' natura hafifa u fuq in-naha ta' gewwa ta' halqu u ebda sinjal iehor ta' daqqiet ta' ponn fuq barra. Dan qed jigi rilevat biss sabiex il-Qorti tindika il-ghala ma temminx li l-griehi li kellu il-parti civili f' idejh setghu gew kagunati mid-daqqiet ta' ponn varji li l-imputat qed jallega li qala' minghandu.

Il-Qorti hija tal-fehma li f' dan il-kaz il-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova sal-grad rikjest mill-ligi li minhabba sewqan perikoluz, traskurat u

minhabba nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku l-imputat involontarjament ikkaguna lill-parti civili feriti ta' natura gravi li hallew il-konsegwenzi indikati fl-Artikolu 218 tal-Kodici Kriminali.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tad-19 ta' Mejju 2015 u senjatament l-Artikoli 15(1)(a) u 15(2) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikoli 17, 31, 225 u 226(1)(a), tal-Kodici Kriminali u l-Artikolu 55 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 2 ta' L.S.65.05 referibbli ghall-parti IVA(i) tal-iskeda mal-istess Regolament l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah multa ta' elfejn Ewro (€2,000) u tiskwalifikah milli jzomm jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien tlett (3) xhur millum.

**MAGISTRAT**